# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħamsa u Ħamsin (55)**

**2 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Viċi Sindku
Anthony Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

55.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Vici Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Anthony Attard li ma setghux jattendu ghal-laqgha b'urgenza tal-lum.

55.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**55.2 It-tindif tat-toroq fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina**

55.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hu sejjah din il-laqgha b'urgenza sabiex jiddiskuti s-sitwazzjoni tat-tindif tat-toroq fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina.

55.2.2 Is-Sindku innota li l-bord tal-evalwazzjoni li twaqqaf sabiex jaġġudika ż-żewġ offerti li ġew sottomessi għax-xogħol tat-tindif tat-toroq fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina informa lill-Kunsill li ż-żewġ offerti sottomessi ma kinux *technically compliant* u għaldaqstant ġew skwalifikati.

55.2.3 Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda b'żewġ voti favur u astensjoni waħda li l-offerta għandha tingħata b'*direct order* lis-Sur Joseph Magro għall-prezz ta' € € 4900 VAT eskluża. Is-Sindku Dr. Christian Zammit iddikjara kunflitt ta' interess u astjena minn dan il-vot.

55.2.4 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.15pm.

**IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**